



Brussell, 9 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14322/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0260(NLE)**

**AVIATION 238
RELEX 1072**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 14157/19 INIT + ADD1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha – Adozzjoni

1. Fl-14 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha¹ fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt.

¹ ĠU L 207, 6.8.2010, p. 32.

3. Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Kanada u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha daħal fis-seħħ fis-16 ta' Mejju 2019. Il-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru li huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim jiżgura l-implimentazzjoni tajba tiegħu.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill² u l-anness tiegħu³ fit-28 ta' Novembru 2019. Ġew proposti biss bidliet żgħar.
5. It-testi, kif maqbula fil-Grupp ta' Ħidma, tħejjew mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill⁴.
6. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tal-Grupp ta' Ħidma u jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill flimkien mal-anness tagħha kif jinsabu fid-dokument 14826/19 bħala punt "I/A" f'waħda mis-sessjonijiet li jmiss tiegħu.

² Dok. 14157/19

³ Dok. 14157/19 ADD 1

⁴ Dok. 14826/19